Mellieħa

13 ta' Ġunju 2024

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 64**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **64** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 18 Ġunju 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## AĠENDA

64.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

64.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

64.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

64.4. Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

64.5. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2023 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill;

64.6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal titjib fis-Sala tal-Kunsill;

64.7. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

64.8. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

**64.6. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:**

*"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2024, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi xogħlijiet ta' titjib fis-Sala tal-Kunsill;*

*Billi bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-perit saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-erba' offerti sottomessi, skont il-minuti tat-8 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2024; u*

*Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2024 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7535 bis-saħħa ta' kofinanzjament approvat taħt il-Miżura 3 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skond ftehim bir-referenza (IACS) No. 268962;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Legacy Ventures Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/40)*

Rebecca Bartolo Cutajar
Kunsillier (Proponent)

Gabriel Micallef
Kunsillier (Sekondant)